# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 14 ta' Dicembru, 2018

**Rikors Numru : 342/2018 JPG**

**Kawza Numru : 28**

**HC**

**U**

**AA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt ta' HC u AA, datat 26 ta' Lulju 2018, a fol 1 et seqq. li jaqra hekk:

> *Illi l-esponenti zzewgu Malta nhar it-tnax(12) ta' Mejju tas-sena elfejn u wiehed (2001) u z-zwieg huwa rregistrat fir-Registru ta' Malta bin-numru tal-iskrizzjoni 201/2001, certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dok 'A';*
>
> *Illi minn dan iz-zwieg twieldet tifla, Y, li llum ghandha erbatax-il sena (14) certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dok 'B';*
>
> *Illi l-partijiet huma legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dr.Peter Fleri Soler, fl-ewwel (1) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018), hawn anness u mmarkat bhala Dok 'C';*
>
> *Illi l-partijiet ilhom jghixu de facto separatament ghal aktar minn erba' snin u cioe' mis-sena elfejn u tlettax (2013);*

*Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghall-rikonciljazzjoni bejniethom stante illi ilhom erba' snin jghixu hajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi fl-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, il-partijiet iddikjaraw illi ddekadew irrevokabilment mid-dritt li jitolbu u jircievu manteniment minn ghand xulxin (Klawzola 3);*

*Illi fl-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, ir-ragel huwa obbligat li jhallas is-somma ta' tlett minn Ewro (€300) fix-xahar ghall-imsemmija tifla (Klawzola 4J);*

*Illi l-esponenti ragel dejjem ta l-manteniment skont dak miftiehem u qatt ma kien hemm xi proceduri gudizjari f'dan ir-rigward;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant l-esponenti qeghdin bir-rispett jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti ai termini tal-Att fuq id-Divorzju tholl iz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru pubbliku u dan ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-Ligi.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**HC** xehed a fol 16 *et seqq* illi l-partijiet izzewgu f'Mejju 2001, u minn dawn iz-zwieg twieldet tifla li llum il-gurnata ghandha X -il sena. Xehed illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 1 ta' Frar 2018, pero ilhom jghixu separatament minn Awissu 2012. Xehed illi l-manteniment dovut minnha ghal bintu minuri jithallas b'mod regolari u m'hemm l-ebda arretrati ta' manteniment. Xehed ukoll illi bejn il-partijiet m'hemm l-ebda prospett ta' rikonciljazzjoni.

**AA** xehdet a fol 19 *et seqq* u kkonfermat ix-xhieda ta' HC.

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti rat id-dispozizzjonijiet relevanti tal-Kodici Civili ghal kaz in ezami senjatament:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub flartikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

Il-Qorti rat jirrizulta illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 1 ta' Frar 2018 fl-atti tan-Nutar Dottor Peter Fleri-Soler, debitament awtorizzat mill-Qorti – vide Dok C a fol 5 et seqq.,, izda kien ilhom jghixu separatament sa minn Awissu tas-sena 2012.

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat illi gie pruvat inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet irnexxilhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**